

PROCĊDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-  
KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.5562 – Fortis Private Equity/Kuiken)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 147/17)

1. Fit-22 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Fortis Private Equity Holding Nederland B.V. ("Fortis Private Equity", l-Olanda), li hi kontrollata mill-Fortis Bank Nederland N.V. ("Fortis Bank Nederland," l-Olanda), takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll sħiħ tal-impriża Kuiken N.V. ("Kuiken", l-Olanda) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal Fortis Bank Nederland: grupp bankarju li hu attiv fl-operazzjonijiet bankarji kummerċjali, privati u għall-konsumaturi;
- għal Fortis Private Equity: kumpanija sussidjarja tal-Fortis Bank Nederland attiva fl-investimenti ta' ekwità privata għall-kumpaniji ta' daqs medju fl-Olanda;
- għal Kuiken: grupp ta' kumpaniji li huma attivi fid-distribuzzjoni ta' tagħmir kbir li jintuża għall-bini, għat-trasport ta' materjal u għall-agrikoltura.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jstgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks +32 2 2964301 jew 2967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5562 – Fortis Private Equity/Kuiken, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.